# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 967/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Lighea Spiteri**
**(K.I. 472995M)**

**Illum, 8 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra Lighea Spiteri, ta' tmienja u għoxrin (28) sena, imwielda fis-sitta (06) ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u ħamsa u disgħin (1995) ġewwa l-Pietà, bint Claudio Spiteri u Cynthia xebba Sghendo, residenti ġewwa Bini tal-Gvern 2, Triq San Leonardu, Żabbar, u detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 472995M u akkużata talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-sitta nieqes kwart ta' filgħaxija (17:45hrs) u s-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) ġewwa Triq San Tumas, Floriana, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettejt serq ta' basket tad-ditta *Diesel* li kien fih b'madwar tmien mija u disgħin Euro (€890) fi flus kontanti u arloġġ tad-ditta *Rolex* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa'

w għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li sar għad-dannu ta' Morat Naswan Abdikadir Mohammed u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajjiet oħra;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-18 ta' Marzu 2024[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 261(ċ), 267, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 15A, 17, 31, 532A u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-23 ta' April 2024 fejn l-akkużata iddikjarat illi m'għandhiex oġġezzjoni li tiġi ġġudikata minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużata;

Rat ix-xhieda mogħtija;

---

[1] A fol. 120 tal-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat

Illi jirriżulta li fis-27 ta' Ottubru 2023, il-pulizija ta' l-Għassa tal-Belt, irċevew telefonata minn persuna femminili, li rriżulta kienet Judith Bakoush, fejn din irrappurtat li kien hemm argument għaddej ġewwa triq San Tumas, il-Furjana. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn irriżulta li l-argument kien bejn Morat Naswan Abdikadir Mohammed u l-akkużata Lighea Spiteri[2]. Preżenti kien hemm ukoll Judith Bakoush. Fuq il-post kienu laħħqu wasslu l-Pulizija tal-RIU, fejn dawn ikkalmaw is-sitwazzjoni[3].

Sussegwentament, fuq parir tal-pulizija, l-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed u Judith Bakoush marru l-Għassa tal-Belt sabiex jagħmlu rapport. Ġewwa l-għassa, il-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed ta' l-verzjoni tiegħu lill-pulizija fejn huwa qal li ltaqa' ma' l-akkużata u bdew jitkellmu. Sussegwentament, skont hu, spiċċaw f' argument u saħansitra spiċċaw fl-idejn. Huwa kompla jgħid li waqt dan l-argument l-akkużata kienet ħaditlu pouch iswed tal-marka *Diesel* u li fih qal li kellu €890 u arloġġ tad-ditta Rolex li qal li jiswa' €6000. Ftit tal-jiem wara, huwa mar l-għassa l-Belt fejn ippreżenta karta iffirmata minn Carol Demanuele li kienet tindika li l-arloġġ tat-tip Rolex stmat li jiswa' €6000.

Dakinhar ta' l-argument stess, marret tirrapporta ukoll l-Għassa tal-Belt Valletta, l-akkużata Lighea Spiteri, fejn ingħatat id-drittijiet legali tagħha. Fil-verżjoni li l-akkużata tat lill-pulizija hija stqarret li l-argument beda' dwar TikTok għaliex il-*parte civile* Judith Bakoush kienet għamlitilha *"Follow*" u hi rriċiprokat. Hija qalet li jidher li Morat Naswan

[2] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Jeffrey Rizzo, PS 2414 Mikela Bonnici, PC1316 Dawn Cachia u PC 355 Charlo Chircop li xehdu fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 a fol. 24 sa 34 tal-Atti Proċesswali.
[3] Ara x-xhieda ta' PS 2414 Mikela Bonnici li xehdet fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 a fol. 28 sa 39 tal-Atti Proċesswali u kif ukoll ix-xhieda ta' PS1340 Antonio Bellizzi li xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2024 a fol. 97 sa 100 ta' l-Atti Proċesswali, u Neil Scerri (ex PC 2446) u PC 486 Ryan Camilleri li xehdu fis-seduta tat-23 ta' April 2024 a fol. 114 sa 119 ta' l-Atti Proċesswali.

Abdikadir Mohammed ma' ħax gost b' dan għaliex bagħtilha xi messaġġi f' dak is-sens. Biex ma' taqlax ġlied hija qaltlu ħalli jiltaqgħu biex jitkellmu u kumbinazzjoni dakinhar li seħħ l-argument in kwistjoni hi marret il-Furjana għand omm il-partner tagħha u sabet lil Morat Naswan Abdikadir Mohammed ma' wiċċha. Skont l-akkużata huma bdew jitkellmu u imbagħad spiċċaw f' argument u saħansitra spiċċaw fl-idejn. Mistoqsija dwar il-*pouch* hija qalet li ma' tafx li kien hemm u ma' ħadet l-ebda *pouch però,* tistqarr li tiftakar tisma' lil Judith tgħajjat "Ġibu l-pouch".

Ikkunsidrat

Fil-kors ta' l-investigazzjoni tagħha dwar dan il-każ, il-Pulizija, elevat filmat ta' CCTV *camera*[4] li instab fit-triq fejn seħħ l-argument.

Fl-20 ta' Novembru 2023 l-akkużata Lighea Spiteri rrilaxxata stqarrija lill-pulizija fejn hija għażlet li ma' twieġeb għall-ebda domanda li saritilha kif ukoll għażlet li ma' tiffirmax l-istqarrija.

Fil-21 ta' Novembru 2023 il-Pulizija marru jeżegwixxu mandat t' arrest fil-konfront ta' l-akkuzata Lighea Spiteri[5] u tfittxija fil-fond fl-indirizz 35, flat 2, Triq San Ġużepp, il-Belt Valletta, u dan fuq allegat serq tal-'*pouch'* tal-*parte civile* li allegatament kien kontenenti €890 u arloġġ tad-ditta Rolex. Waqt din it-tfittxija l-Pulizija elevat '*pouch*' iswed simili għal dak li deher fil-filmat.

---

[4] Ara x-xhieda ta' PC 355 Charlo Chircop u PC 626 Giancarlo Bennetti li xehdu fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 u fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2024 rispettivament a fol. 33 u 34 u fol-52 sa 53 rispettivament tal-atti proċesswali.

[5] Ara x-xhieda ta' PC 355 Charlo Chircop li xehed fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 a fol. 33 u 34 tal-atti proċesswali.

Ikkunsidrat;

Illi PC 626 xehed li mill-filmat tas-CCTV li kienu elevaw Morat Naswan Abdikadir Mohammed deher jagħti daqqa ta' ħarta lill-akkużata fuq wiċċha u kien minn hemm li t-tnejn ġew fl-idejn[6]. Ix-xhud kompla jgħid li mill-filmat tas-CCTV il-Pulizija nnotaw li l-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed kellu *pouch* skur taħt idu liema *pouch* ma' kienx marbut *u* f' ħin minnhom*,* waqt il-ġlieda, dan il-*pouch* intlemaħ jaqa' ma' l-art. Wara li l-partijiet ġew mifrudin il-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed telaq minn fuq il-post b' vettura tat-tip Toyota Belta misjuqa minn Judith Bakoush, filwaqt li l-akkużata Lighea Spiteri intelmħet qed tiġbor il-*pouch* u titlaq 'l hemm bih. Wara li rat dan il-filmat, fil-21 ta' Novembru 2023 il-Pulizija marru jeżegwixxu mandat t' arrest fil-konfront ta' l-akkużata u tfittxija fil-fond fl-indirizz 35, flat 2, Triq San Ġużepp, il-Belt Valletta. [7] Waqt din it-tfittxija l-uffiċjali tal-Pulizija elevaw żewġ '*pouches*' – wieħed ta' lewn iswed bil-bokkla mkissra u wieħed ta' lewn *'wine'.* L-akkużata qalet li dawn il-*pouches* kienu tagħha.

Il-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed xehed f'dawn il-proċeduri[8] fejn qal illi hu kien għaddej mill-Furjana meta iltaqa' ma' l-akkużata Lighea Spiteri u beda' jitkellem u jilletika magħha peress illi kienet żiedet lit-tfajla tiegħu fuq *Tik-Tok.* Huwa qal li kellu *pouch* tad-ditta *Diesel* fuq saqajh li waqalu malli fetaħ il-bieba tal-karozza li skont hu kien riekeb fiha bħala passiġġier. Qal li huwa tkellem b' mod kalm ma' l-akkużata Lighea Spiteri u ma daħlux f' argument u lanqas ma' ġew fl-idejn . Qal ukoll li kien telaq fil-karrozza meta induna li ma' kellux il-*pouch.* Qal ukoll li fil-*pouch* kellu flus kontanti fl-ammont ta' €1700 kif ukoll arloġġ tad-ditta *Rolex li* skont hu kien xtraħ għall-prezz ta' €5500 mingħand ħabib tiegħu lli jismu Skye Gauci madwar sentejn jew tlett snin qabel*.* Mistoqsi kif kellu dawk il-flus kontanti, huwa qal li kienu bagħtuhomlu l-familja tiegħu minn pajjiżu. Mistoqsi dwar ir-Rolex in kontro-eżami, huwa qal li dakinhar li ltaqa' ma' l-akkużata l-Furjana huwa kellu l-arloġġ fil-*pouch* għaliex kien

[6] Ara x-xhieda ta' PC 626 Giancarlo Bennetti li xehed fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2024 a fol-52 sa 53 tal-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda ta' PC 355 Charlo Chircop li xehed fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 a fol. 33 u 34 tal-atti proċesswali.
[8] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-29 ta' Jannar 2024 a fol. 55 sa 78 tal-atti proċesswali.

sejjer bih biex isewwieh għand Demanuele għaliex kien daħallu l-ilma meta mar bih l-*Splash and Fun* u għaliex kellu l-ħġiega mkissra.

Xehdet Judith Bakoush[9] li qalet li hi u Morat Naswan Abdikadir Mohammed kienu għaddejjin bil-karozza mill-Furjana meta ra lill-akkużata Lighea Spiteri u niżel jiġri mill-karozza biex ikellimha. Hija tgħid li ma tafx x' qallha għax baqgħet fil-karozza. Qalet ukoll li malli niżel mill-karozza il-*pouch* li kellu fuqu waqa' ma' l-art. Qalet ukoll li Morat Naswan Abdikadir Mohammed u l-akkużata Lighea Spiteri bdew jargumentaw. Ix-xhud kompliet tgħid li rat lill-akkużata tiġbor xi ħaġa iżda ma' kienitx taf x' ġabret. Qalet ukoll li marru għand il-kunjata ta' l-akkużata u qaltilha biex tgħidilha tirritorna l-*pouch* li ratha tiġbor. Dwar l-ammont ta' flus kontanti li allegatament kien hemm fil-*pouch,* ix-xhud qalet li kienu jammontaw għal tmien mitt Ewro (€800). Kompliet tgħid li fil-*pouch* kien hemm arloġġ tad-ditta *Rolex* u li kien jiswa' €6,000 jew €7,000 u sa fejn taf hi kien xtrah minn Demanuele.

Illi xehed ukoll Carol Demanuele[10] li huwa arluġġar, u għandu ħanut ta' l-arloġġi u kkonferma li kien hu li ħejja l-valwazzjoni tar-Rolex li allegatament kien hemm fil-*pouch* tal-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed. Huwa spjega li huwa joħroġ bil-valur ta' arloġġ billi jiftħu, jara *r-re-sale value* u anke minn riċerka li ssir *online*. Ix-xhud xehed li l-karta tal-valur kien ħariġa fit- 22 ta' Frar 2022. Fuq domanda in kontro-eżami dwar għalfejn id-data kienet imbgħabsa, huwa qal li normalment l-istima tkun *printed* iżda ma setax jikkonferma x' għamel sentejn qabel. Huwa qali li m'għandux x' jaqsam ma' l-aġent u lanqas mad-ditta Rolex .

Illi xehed Skye Gauci[11] li qal li lill- *parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed ma' kien biegħlu xejn u ma kienx jaf minn fejn ġab l-arloġġ. Huwa kompla jgħid illi l-unika involviment tiegħu kien li ħa lill-*parte ċivile* għand Demanuele sabiex l-arloġġ jiġi

---

[9] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fid-29 ta' Jannar 2024 a fol. 79 sa 85 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Marzu 2024, a fol. 101 sa 105 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Marzu 2024, a fol. 109 sa 113 tal-atti proċesswali.

imsewwi. Dan ix-xhud kompla jgħid li l-karta li turi l-valur ta' l-arloġġ kien ġabarha hu l-ġimgħa ta' qabel.

Xehed Dr Ishmael Buttigieg in rappreżentanza ta' l-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi prodott mid-difiża[12] li qal li kien hemm tlett (3) ordnijiet ta' l-iffriżar li jolqtu lill-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed. Dan ix-xhud ikkonferma li ma kienux inġabbru assi relatati ma' l-ordnijiet ta' l-iffriżar li jolqtu lill-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed. Spjega ukoll illi li kieku kienu nġabru assi, dan kien ikun rifless fl-ordni ta' l-iffriżar maħruġa wara.

Ikkunsidrat;

Il-karta li fuqha kien hemm il-valur ta' l-arlogg Rolex kienet eżebita in atti bħala Dok. JR[13] mill-Ispettur Jeffrey Rizzo u għandha d-data imbagħbsa bil-linka filwaqt li tali karta hija *printed*. Fix-xhieda tiegħu Carol Demanuele ikkonferma li d-dokument kien maħruġ minnu iżda ma setax jikkonferma li kien hu li rranġa d-data bil-biro.[14]

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni tagħha d-difiża ikkwerelat l-affidabbilità tax-xhieda tal-*parte ċivile* Morat Naswan Abdikadir Mohammed[15]. Fl-ewwel lok jissottomettu illi l-parte ċivile m'huwiex kredibbli, ibda biex għax huwa xehed li l-flus li allegatament nsterqu kienu jammontaw għal €1700 meta dan l-ammont qatt ma ġie pprovat. Fit-tieni lok jissottomettu wkoll li l-verżjoni mogħtija mill-*parte ċivile* lill-pulizija *a tempo verġine* u dik li xehed quddiem il-Qorti ma' jaqblux, fil-fatt jinstabu diversi inkonsistenzi u d-difiża osservat li l-parte ċivile intenzjonalment ħalla barra partijiet li setgħu jinkriminawh. Il-

[12] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 ta' Settembtu 2024, a fol. 123A sa 123F tal-atti proċesswali.
[13] Ara fol. 27 ta' l-Atti proċesswali.
[14] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Marzu 2024, a fol. 101 sa 105 tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-29 ta' Jannar 2024 a fol. 55 sa 78 tal-atti proċesswali.

Qorti tosserva illi fil-verżjoni mogħtija lill-pulizija, il-*parte ċivile* jgħid li hu u l-akkużata bdew jargumentaw u saħansitra ġew fl-idejn. Meta imbagħad xehed quddiem il-Qorti huwa innega li kellhom argument. Il-Qorti tosserva ukoll illi filwaqt li *a tempo vergine* l-*parte ċivile* jgħid li l-akkużata serqitlu l-*pouch ,* meta xehed quddiem il-Qorti huwa qal li waqalu hu u ħiereġ mill-vettura biex ikellem lill-akkużata.

Illi mill-filmat CCTV elevat mill-pulizija u ppreżentat in atti jirriżulta li kien hemm argument bejn żewġ persuni fejn persuna maskili tidher qed tagħti daqqa ta' ponn lill-akkużata.[16] Fil-filmat jidher ċar li dan ir-raġel qed iġorr *pouch* iswed taħt idejħ.[17] Dan ir-raġel u l-akkużata jerġgħu ikompli jissieltu u l-*pouch* jaqa' ma' l-art fit-triq ħdejn karozza ta' lewn griż li kienet ipparkjata[18]. Dan ir-raġel jitlaq minn fuq il-post u ftit ħin wara l-akkużata tidher qed tiġbor dan il-*pouch* minn ma' l-art u titlaq minn fuq il-post hi wkoll.[19]

Ikkonsidrat;

Illi mill-filmat CCTV jirriżulta ampju li l-akkużata u l-parte ċivile kellhom argument fiżiku u li l-akkużata ġabret il-*pouch* mis-sit *de quo*. Il-bqija tal-provi, ossija l-kontenut tal-pouch, huwa bbażat biss fuq ix-xhieda tal-*parte ċivile* u ta' Judith Bakoush. Illi l-akkużata tqajjem dubji dwar il-kredibilità tal-parte ċivile.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant sabiex jiddeċiedi jekk xhud hux kreddibli jew le tenut kont "*tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud kif ukoll tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

[16] Ara l-ħin ta' 17:52:28 fil-filmat Nru 1700042930.mp4 ippreżentat bħala dok CC.
[17] Ara l-ħin ta' 17:52:41 tal-imsemmi filmat CCTV.
[18] Ara l-ħin ta' 17:52:45 tal-imsemmi filmat CCTV.
[19] Ara l-ħin ta' 17:53:57 tal-imsemmi filmat CCTV.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clinton Azzopardi**[20] il-Qorti rriteniet illi:

> *"Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]"*

Illi l-Qorti mal-ewwel tinnota li l-*parte ċivile* m'huwiex konsistenti miegħu innifsu. Filfatt, fir-rapport li għamel mal-pulizija *a tempo vergine* jgħid li fil-*pouch* kellu €890 iżda mbagħad meta xehed quddiem din il-Qorti qal li kellu €1,700 fl-istess *pouch*. Illi min-naħa tagħha, Judith Bakoush xeheded li l-*parte ċivile* kellu €800 fil-*pouch*. Illi għalkemm huwa naturali li l-memorja ta' bniedem ma tibqax preċiża mal-mgħoddija taż-żmien, il-Qorti tinnota li bejn id-data tal-akkużi u d-data ta' meta xehed il-*parte ċivile* għaddew biss ftit aktar minn tlett xhur u li l-avarija bejn iż-żewġ ammonti li jsemmi hija waħda kbira li turi ferm aktar minn sempliċi impreċiżjoni fil-memorja.

Il-parte ċivile xehed quddiem din il-Qorti li hu ma argumentax mal-akkużata, anzi tkellmu biss, iżda mill-filmat CCTV joħroġ ben ċar li hu ta diversi daqqiet lill-akkużata fit-triq u li kellhom konfrontazzjoni fiżika. Rigward il-*pouch*, hu xehed quddiem il-Qorti li waqalu minn fuqu hu u ħiereġ mill-karozza filwaqt li mill-filmat CCTV jidher ċar li kien qed iġorr il-*pouch* taħt idejħ u li waqt il-konfrontazzjoni fiżika waqalu mal-art. Jgħid ukoll li l-arloġġ xtraħ mingħand ċerta Skye mentri Skye Gauci xehed li hu ma biegħ ebda arloġġ lill-*parte ċivile* iżda biss mar miegħu biex isewwi l-arloġġ għand Demanuele.

Illi għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tax-xhieda mogħtija mill-*parte ċivile*, il-Qorti tqis li x-xhieda tal-*parte ċivile* mhix waħda tennibbli u għalhekk il-Qorti ma tistax tistrieħ

---

[20] **Il-Pulizija vs Clinton Azzopardi**, Qorti tal-Appell Kriminali, 3 ta' Ottubru 2019, (Appell Nru 30/2019)

fuqha, partikolarment għaliex ix-xhieda tiegħu hi waħda ċentrali għat-teżi tal-prosekuzzjoni.

Illi l-akkużata tqajjem dubbju wkoll fuq l-eżistenza ta' l-arloġġ Rolex u dan għaliex fl-ewwel lok il-pulizija ma' sabet xejn meta' marret tagħmel tfittxija fir-residenza ta' l-akkużata u, fit-tieni lok, għax il-*parte ċivile* kien milqut minn tlett ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar u għalhekk ma setax jakkwista tali arloġġ. Illi l-Qorti ssib ukoll li l-valur ta' dan l-arloġġ m'huwiex għalkollox ċert. Filfatt, mill-valutazzjoni ppreżentata in atti jirrizulta li s-sena indikata fid-data tagħha ġiet mbgħabsa bil-biro. Di più, għalkemm hemm dettalji ta' arloġġ tat-tip Rolex, la l-prosekuzzjoni u lanqas il-*parte ċivile* ma taw dettalji biżżejjed sabiex jorbtu dik il-valutazzjoni mal-arloġġ *de quo* u m'hemm xejn x'jeskludi li dik il-valutazzjoni setgħet saret b'rabta ma xi arloġġ ieħor tal-istess ditta.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ma tarax li ġie suffiċjentement ipprovat mill-prosekuzzjoni li nsteraq xi ħaġa ta' valur u wisq anqas li nsteraq arloġġ tad-ditta Rolex u b'hekk il-Qorti ma tarax li dan l-aggravju tal-akkuża jissussisti.

Ikkunsidrat

Illi l-akkużata tissottometti li jekk għandha tinstab reità mill-provi prodotti u miċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-ħtija għandha tkun dik biss ta' kontravvenzjoni riportata fl-Artikolu 340(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gianluca Carabott,**[21] il-Qorti rriteniet illi:

> *"Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza illi f'dan il-każ ma jirrizultax ir-reat ta' serq iżda jekk xejn ir-reat kontravvenzjonali kontra l-proprjeta` taħt l-Artikolu 340(ċ) tal-Kapitolu 9, jinsab ritenut illi meta min isib oġġett f'cirkostanzi illi juru*

[21] **Il-Pulizija vs Gianluca Carabott**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 23 ta' Ġunju 2020 (App. Nru 205/2019)

*li dak l-oġġett jappartjeni lil xi ħadd, japproprja l-oġġett, ikun hati tar-reat ta' serq u mhux tal- kontravvenzjoni fuq imsemmija.*

*Kif intqal in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-18 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs George Ebejer*** *li għamlet referenza għall-kawża* ***Rex vs Giuseppe Scicluna****:-*

*"Hu prinċipju minn żmien adottat fil-ġurisprudenza Maltija, illi min japproprija ruħu minn oġġett li jkun sab f'ċirkustanzi tali li juru li dak l-oġġetti għandu sidu u ma ġiex abbandunat, li ma hux, ċjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oġġett. Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravvenzjoni ta' min isib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgħarrafx bihom fi żmien tliet ijiem lill-Pulizija Eżekuttiva; imma hu reat ta' serq.""*

Illi mill-filmati tas-CCTV ppreżentat jirriżulta ampju li l-*pouch* waqa' minn taħt idejn il-*parte ċivile* u li l-akkużata ma setatx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li tali *pouch* kien mitluf jew mitluq. Filfatt hija timxi lura u tmur tiġbru ftit mumenti wara li spiċċat il-ġlieda bejnha u bejn il-*parte ċivile*. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-akkużata kienet taf li qed tieħu oġġett li jappartjeni lill-*parte ċivile* meta ħadet il-*pouch* minn ma' l-art.

Illi madanakollu, ma tressqet ebda prova tal-valur ta' dan il-*pouch* u għalkemm intqal li huwa tad-ditta "Diesel", ma tressqitx prova dwar l-awtentiċità ta' dan il-*pouch* jew ta' kemm jiswa. Għalhekk il-Qorti, filwaqt li qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-akkuża unika, ser tapplika d-disposizzjoni l-aktar favorevoli għall-akkużata, u ċioè dik ta' serq sempliċi.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli artikoli 15A, 17, 31, 261(ċ), 267, 279(b), 284, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Lighea Spiteri <u>ħatja</u>** tal-akkuża dedotta kontra tagħha in kwantu għal serq sempliċi u, wara li rat l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma' tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) xhur mil-lum;

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma ġew maħtura ebda esperti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**

Maġistrat

**Sharonne Borg**

Deputat Reġistratur